**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-18 ta' Mejju 2022**

**Rikors Numru : 165/2022 JPG**

**Kawza Numru : 28**

**AS**

**U**

**LS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 25 ta' Marzu 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja (8) ta' Settembru, tas-sena elf disa' mija u erbgha u disghin (1994), u dan kif jirrizulta minn certifikat taz-zwieg hawn anness u markat Dok A.*

2. *Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied, it-tnejn maggorenni;*

3. *Illi l-partijiet isseparaw minn ma' xulxin permezz ta' kuntratt* pubbliku in atti tan-*Nutar Dottor Sylvana Borg Caruana, nhar id-disgha (9) ta' Settembru, tas-*sena *elfejn u dsatax (2019), kopja awtentika tieghu qieghda tigi hawn anness u markata Dok B;*

4. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;*

5. *Illi ma hemmx kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-*partijiet;

6. *Illi l-esponenti LC tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' M.*

7. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet,*
2. *Tawtorizza lill-esponenti LS tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' M;*
3. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota kongunta tal-partijiet datata 21 ta' April 2022 li permezz taghha iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi x'jipproducu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza; (vide fol 19)

**Ikkonsidrat:**

**AS xehed** (vide affidavit a fol 16) illi l-partijiet zzewgu nhar it-8 ta' Settembru 1994 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum maggorenni. Sostna illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt nhar id-9 ta' Settembru 2019 fl-atti tan-Nutar Sylvana Borg Caruana. Iddikjara illi mis-separazzjoni sal-lum qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Illum, ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal tali rikonciljazzjoni. Ikkonferma di piu', li ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom.

**LS xehdet** (vide affidavit fol 17) u kkonfermat u kkollaborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Il-kontendenti kkonfermaw bil-gurament li huma kienu zzewgu nhar it-8 ta' Settembru 1994, liema zwieg igib c-certifikat numru 1591/1994 (Vide A , certifikat taz-zwieg fol 2). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum adulti.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat nhar id-id-9 ta' Settembru 2019 fl-atti tan-Nutar Dr Sylvana Borg CaruanaVide Dok C, fol 5 et seqq) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat ukoll it-talba tar-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' M.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi

sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1591/1994 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu' tawtorizza lil LS sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe', M u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex tiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**